

Paġna Ewlenija > Taħriġ, Networks Ġudizzjarji U Aġenziji > Latvia

# Taħriġ inizjali ta' mħallfin u prosekuturi fl-Unjoni Ewropea

Il-kontenut ipprovdut minn  
Latvja

Latvja

## Imħallfin

### Deskrizzjoni ġenerali

Mill-2020 il-Latvja tipprovdni taħriġ ta' induzzjoni għal imħallfin maħtura ġodda (wara approvazzjoni għall-kariga ta' mħallfin) ibbażat fuq il-Liġi dwar is-Setgħat Ġudizzjarji, l-Artikolu 89, unità 5, li tobbliga lil kull imħallef maħtur ġdid jattendi l-programm ta' taħriġ speċjali matul l-ewwel sena tas-servizz. L-udjenja ewlenija għall-programm ta' taħriġ huma mħallfin mill-ġuriżdizzjoni ġenerali. L-imħallfin maħtura ġodda minn qrati amministrattivi jingħaqdu mal-programm ta' taħriġ meta jkun utli u applikabbli. Madankollu huwa previst li jiġi żviluppat programm ġdid immirat speċifikament għal imħallfin tal-qorti amministrattiva maħtura ġodda.

It-taħriġ għall-imħallfin u l-persunal tal-qorti huwa r-responsabbiltà tal-Amministrazzjoni tal-Qorti (CA, Court Administration) tal-Latvja, madankollu dan il-kompitu huwa ddelegat liċ-Ċentru ta' Taħriġ Ġudizzjarju Latvjan (LJTC, Latvian Judicial Training Centre), organizzazzjoni mhux governattiva mwaqqfa fl-1995 minn donaturi internazzjonali u l-Assoċjazzjoni Latvjana tal-Imħallfin. L-LJTC għandu l-esperjenza u l-għarfien interni biex jiżgura t-taħriġ ta' kwalità lill-imħallfin maħtura ġodda, l-imħallfin b'esperjenza u l-persunal tal-qorti. L-LJTC huwa rregolat mil-Liġi tal-Assoċjazzjonijiet u l-Fondazzjonijiet kif ukoll ftehim fuq terminu twil bejn is-CA u l-LJTC dwar affarijiet speċifiċi rigward il-provvista tat-taħriġ fuq livell nazzjonali u internazzjonali.

Bħala medja jkun hemm sa 15-il apprendist fis-sena kemm f'ġuriżdizzjonijiet ġenerali kif ukoll f'dawk amministrattivi.

### Aċċess għat-taħriġ inizjali

Wara l-għażla tal-kandidati biex isiru mħallfin u malli l-Parlament (Saeima) jivvota għall-kandidati, l-LJTC għandu l-permess biex jibda l-programm ta' taħriġ. Ma hemm l-ebda proċedura ta' għażla addizzjonali jew speċifika peress li diġà ssir mill-Kumitat tal-Għażla. Hemm biss rotta waħda biex tidħol fil-Ġudikatura - li tgħaddi mil-livelli kollha tal-għażla u tkun approvat mill-Parlament.

Inizjalment l-imħallfin jinħatru għal perjodu ta' 3 snin.

### Format u kontenut tat-taħriġ inizjali

Il-programm ta' taħriġ għall-imħallfin maħtura ġodda huwa mibni mill-programm aktar estensiv żviluppat qabel għal kandidati għall-pożizzjoni ta' mħallfin.

Madankollu, il-programm ġdid jimmira lejn ħames responsabbiltajiet ġudizzjarji ewlenin ta' mħallef:

1. Li jħejji l-kawża għas-smiġħ (tinkludi kontenut dwar: proċedimenti tal-qorti dwar kawżi ċivili u kawżi kriminali, ġestjoni tal-kawżi, deċiżjonijiet tal-qorti kwalitattivi, tmexxija personali, etika ġudizzjarja, ir-rwol ta' mħallef, eċċ);
2. Li jmexxi seduta tal-qorti (tinkludi kontenut dwar: ġestjoni tal-kawżi, proċedimenti tal-qorti, tmexxija

personali, ħiliet oratorji tal-preżentazzjoni, intelliġenza emozzjonali u soċjali, argumentazzjoni u ħsieb kritiku, qorti finta dwar kawżi ċivili u kriminali, qorti finta mmexxija mis-Senaturi tal-Qorti Suprema, bażi ta' proċess ta' medjazzjoni), eċċ;

3. Li jikteb deċiżjoni tal-qorti (tinkludi kontenut dwar: proċedimenti tal-qorti dwar kawżi ċivili u kawżi kriminali, ġestjoni tal-kawżi, deċiżjonijiet tal-qorti kwalitattivi f'kawżi ċivili u kriminali, eċċ);
4. Li jiżgura kollaborazzjoni u komunikazzjoni effettivi (tinkludi kontenut dwar: diskussjoni dwar ir-rwol ta' m'ħallef fis-seklu 21, proċedimenti tal-qorti dwar kawżi ċivili u kawżi kriminali, ġestjoni tal-kawżi, deċiżjonijiet tal-qorti kwalitattivi f'kawżi ċivili u kriminali, laqgħat ma' m'ħallfin għal istanzi oħrajn u l-qorti Kostituzzjonali, professjonijiet legali oħrajn, tmexxija personali, ħiliet tal-preżentazzjoni, intelliġenza emozzjonali, qorti finta, etika legali, diskussjoni ma' m'ħallfin żgħażaġħ dwar l-esperjenzi tagħhom fl-ewwel sena ta' servizz, bini ta' tim, kif jiġi żviluppat pjan ta' żvilupp personali, eċċ)
5. Li jifhem ir-rwol ta' m'ħallef, l-ispeċifitàjiet tal-professjoni, il-limitazzjonijiet u r-responsabbiltajiet (qorti finta dwar kawżi ċivili u kriminali, intelliġenza emozzjonali u soċjali, etika legali (deontoloġija) u speċifitàjiet tal-etika ġudizzjarja, ir-rwol ta' m'ħallef u l-aspettattivi tas-soċjetà u tal-Istat.

Il-programm huwa organizzat biex jappoġġa wkoll l-iżvilupp tal-kompetenzi ddefiniti għall-membri tal-ġudikatura:

1. valuri u etika;
2. mentalità analitika u kunċettwali;
3. ir-rieda li jitgħallmu u li jkunu miftuħa għall-żvilupp personali;
4. il-kapaċità li jiddeċiedu u jieħdu responsabbiltajiet;
5. il-komunikazzjoni u l-kapaċità li jikkollaboraw;
6. il-kapaċità li jippjanaw (organizzazzjoni u elastiċità).

Il-biċċa l-kbira tat-tagħlim huwa żgurat minn ħarrieġa m'ħallfin li huma m'ħarrġa dwar il-metodoloġiji u t-tekniki ta' taħriġ. L-LJTC jiżgura appoġġ sħiħ tat-taħriġ waqt li jiżviluppa/jaġġorna programmi u matul it-taħriġ, speċjalment jekk it-taħriġ isir online. L-LJTC jiżgura li l-mentors im'ħallfin li huma m'ħarrġa biex jagħmlu l-mentoraġġ ikunu appoġġati wkoll, jiltaqgħu fuq bażi regolari u jiddiskutu l-isfidi. Mentor huwa disponibbli mill-ewwel jum tas-servizz. Filwaqt li l-mentors qed jappoġġaw l-im'ħallfin żgħażaġħ, barra minn hekk, hija offruta wkoll superviżjoni professjonali li tgħin lill-im'ħallfin żgħażaġħ jitrattaw sitwazzjonijiet mhux tipiċi, kwistjonijiet mal-kollegi u persunal jew ikampaw mal-impatt ta' kawżi diffiċli ħafna.

Ftit mit-taħriġ (jiġifieri fuq is-sistema ta' informazzjoni tal-Qorti, il-protezzjoni tad-*data* u l-privatezza, sistemi interni tal-HR, eċċ) huwa pprovdut minn speċjalisti mill-Amministrazzjoni tal-Qorti.

Id-dritt tal-UE huwa parti integrali mit-taħriġ dwar kwistjonijiet speċifiċi, topikalitajiet transfruntieri, drittijiet tal-bniedem u drittijiet fundamentali huma pprovduti b'ħala suġġetti addizzjonali matul l-ewwel sena ta' servizz. Addizzjonalment, huwa m'ħeġġeġ li jiġu segwiti l-programmi biex wieħed jitgħallen waħdu li huma offruti wkoll internament u fornituri internazzjonali oħrajn tat-taħriġ (pereżempju, HELP).

Il-programm huwa kkomplemetat mill-apprendistati organizzati minn kull qorti fejn l-im'ħallef ikun maħtur. Il-programm se jiġi żviluppat aktar biex jiżgura li l-apprendistat isir ukoll fil-qorti tal-appell u l-qorti Kostituzzjonali u uffiċċji oħrajn tal-professjonijiet legali (pereżempju, servizz ta' prosekuzzjoni għal im'ħallfin ta' kawżi kriminali).

L-LJTC, b'ħala membru tal-EJTN mill-2004, jiżgura parteċipazzjoni regolari ta' m'ħallfin Latviani fi programmi b'ħal AIAKOS u THEMIS, programmi mmirati speċifikament għall-kandidati għal pożizzjoni ta' m'ħallfin u m'ħallfin maħtura ġodda.

Biex jappoġġa t-timijiet għall-kompetizzjoni THEMIS, l-LJTC joffri taħriġ fil-ħiliet oratorji, fil-lingwaġġ ġuridiku, fil-ħiliet tal-preżentazzjoni, appoġġ ta' tutur, eċċ.

Taħriġ fil-lingwaġġ ġuridiku ma huwiex iprovdut fuq livell nazzjonali b'ħala parti mill-programm ta' taħriġ. Madankollu, taħriġ offrut mill-EJTN fit-terminoloġija ġuridika huwa apprezzat ħafna mhux biss minn im'ħallfin żgħażaġħ.

Il-maġġoranza tal-programm ta' taħriġ (200 siegħa akkademika/AC, 1 AC hija 45 minuta, tul summattiv huwa 2.5-3 xhur) huwa pprovdut b'ħala parti intensiva fil-bidu tas-servizz. Wara l-ewwel parti tal-programm ta' taħriġ, evalwazzjoni tal-ħtiġijiet ta' taħriġ speċifiċi, b'kunsiderazzjoni tal-ispeċjalizzazzjoni, hija offruta *malajr kemm jista' jkun*. Il-profil sħiħ tal-apprendist huwa żviluppat flimkien mal-pjan ta' żvilupp personali individwali. Il-programm huwa organizzat b'mod li jħeġġeġ apprendist jieħu responsabbiltà sħiħa tal-iżvilupp professjonali u t-

taħriġ regolari tiegħu.

## Terminazzjoni tat-taħriġ inizjali u l-proċess ta' kwalifika

Ma hemmx politika ta' terminazzjoni għaliex is-sistema ġudizzjarja ma tirrikjedix ittestjar jew eżami wara li l-programm ikun tlesta.

Meta tagħżel u tapprova mħallfin ġodda, il-ġudikatura ma tipprevedix terminazzjoni tat-taħriġ waqt it-taħriġ. Eżami jew ittestjar u ttestjar mill-ġdid ma jitwettqux. Jekk nassumu li l-kumitat tal-għażla jkun approva l-aħjar kandidati għall-pożizzjoni ta' mħallf, taħriġ inklużiv u interattiv huwa pprovdut kemm fil-forma ta' seminars kif ukoll f'apprendiment fuq il-post tax-xogħol (fil-forma ta' internship), imħallf ġdid huwa ggarantit tnejn ta' kwalità għall-impjeg. Imħallf ġdid huwa approvat għal perjodu probatorju ta' 3 snin.

## Prosekuturi

Dan il-kontenut ma ġiex ipprovdut.

---

■ L-aħħar aġġornament: 08/06/2026

Il-verzjoni bil-lingwa nazzjonali hija ġestita mill-Istat Membru rispettiv. It-traduzzjonijiet saru mis-servizz tal-Kummissjoni Ewropea. Jista' jkun hemm xi tibdil imdaħħal fl-orijinal mill-awtorità nazzjonali kompetenti li jkun għadu ma jidherx fit-traduzzjonijiet. Il-Kummissjoni Ewropea ma taċċettax responsabbiltà jew kwalunkwe tip ta' tort fir-rigward ta' kull informazzjoni jew dejta li tinsab jew li hemm referenza għaliha f'dan id-dokument. Jekk jogħġbok irreferi għall-avviż legali sabiex tiċċekkja r-regoli dwar id-drittijiet tal-awtur għall-Istati Membri responsabbli minn din il-paġna.